MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tat-30 ta' Novembru, 2011

Avviz Numru. 406/2004

**Carmel Falzon I.D. 0654856 (M)**

**vs**

**Roderick Camilleri I.D. 550979 (M) u Duncan Joseph Farrugia I.D. 307478(M).**

Il-Qorti;

Rat l-avviz permezz ta’ liema l-attur talab lill-konvenuti jghidu il-ghaliex m’ghandkomx tkunu li prevja dikjarazzjoni li intkom jew minn minkom responsabbli ghall-incident awtomobilistiku li gara nhar it-23 ta’ Jannar, 2003 ghall-habta tal-hdax ta’ filghaxija, fi Triq iz-Zejtun, limiti ta’ Birzebbugia fil-vettura ta’ l-attur tal-marka Ford Escort bin-numru ta’ registrazzjoni CBG-705 u ghad-danni konsegwenzjali thallsu, jew min minnkom huwa responsabbli, lill-attur is-somma komplessiva ta’ elf, disa’ mija u tmienja u sittin lira Maltin u tlieta u ghoxrin centezmu (Lm1,968.23c) rapprezentanti danni kawzati kif

jirrizulta mill-annessi invoices immarkati bhala dokument ‘A’ u dana kawza tan-negligenza, imprudenza u nuqqas ta’ osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti taghkom, stante li d-danni fil-vettura ta’ l-attur hija konsegwenza ta’ l-impatt li kien hemm fil-habta bejn il-vetturi misjuqa minnkom bin-numri ta’ registrazzjoni KBE-746 u LAF-474 rispettivament u dana kif jidher mill-iskizz u rapport tal-Pulizija anness u mmarkat bhala dokument ‘B’ kif ukoll kif ser jirrizulta waqt is-smiegh tal-kawza.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali datata 2 ta’ Marzu, 2004, ta’ ittra bonarja precedenti u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenuti jew min minnhom responsabbli, li minn issa huwa ingunti ghas-subizzjoni.

Ra in-nota ta’ eccezzjonijiet tal-konveunt Duncan Joseph Farrugia :

Illi ghall-incident stradali in kwistjoni ma kienx jahti hu u ghalhekk it-talbiet tal-attur ghandhom jigu michuda in kwantu diretti kontrieh.

Ra n-nota tal-eccezzjonijet tal-konvenut Roderick Camilleri:

Illi t-talbiet tal-attur huma preskritti ai termini tal-Ligi;

Illi minghajr pregudizzju ghall-ewwel talba, t-talbiet tal-attur huma infondati kemm bhala fatt kif ukoll bhala dritt b’dan illi l-konvenut ma ghandu tort xejn mal-incident in kwistjoni u dan kif ser jigi pruvat waqt it-trattazzjoni ta-kawza;

Semghet il-provi;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Ikkonsidrat:

Illi din hija kawza ghall-hlas ta’ danni sofferti minn sid vettura li kienet involuta f’incident awtomobilistiku flimkien ma zewg vetturi ohra li sehh f’Birzebbugia waqt sorpass

fi'kundizzjonijiet ta' xita u dlam. Jokkorri izda illi *in primis* tkun deciza l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni sollevata mill-konvenut Roderick Camilleri. L-attur jikkontendi fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu, illi kif assodat fil-gurisprudenza, min iqajjem din l-eccezzjoni jehtieg illi jindika b'mod car id-disposizzjoni rilevanti tal-ligi sabiex tkun konsidrata mill-Qorti u l-gudikant ma jistghax jiehu inizjattiva biex jissupllixxi hu n-nuqqas tal-parti. B'risposta ghal din l-osservazzjoni, l-konvenut jghid illi qieghed jinsisti fuq l-ewwel eccezzjoni tieghu u issa jghid li qed jibbaza l-eccezzjoni tieghu fuq l-artiklu 2153 tal-Kap 16. Ghalkemm l-attur huwa korrett fl-osservazzjoni tieghu, opportunement ikun rilevat illi l-Qorti ghandha ukoll tiehu in konsiderazzjoni eccezzjonijiet sollevati f'sottomissjonijiet tal-parti. Fil-kawza **Services Ltd vs Zammit App 29.1.99** kif ukoll **Deguara vs Saliba 20.2.92**, t-tnejn citati b'approvazzjoni fis-sentenza **Vincent Curmi et vs Joseph Tabone noe PA (GV) 28.3.2008** kien ritenut illi eccezzjonijiet f'sottomissjonijiet ghandhom jittiehdu in konsiderazzjoni anke jekk mhux formalizzati fil-forma ta' eccezzjoni. Issa fil-kaz odjern mhux il-kaz li l-konvenut ecepixxa l-preskrizzjoni fis-sottomissjoniet tieghu izda utilizza din l-okkazzjoni sabiex jissodisfa r-rekwizit li jindika b'mod car l-artikolu tal-ligi regolanti l-kaz u jekk eccezzjoni ghandha tittiehed in konsiderazzjoni jekk indikata f'sottomissjoni *mundo magis* ghandha din il-Qorti tiehu in konsiderazzjoni l-eccezzjoni sollevata formalment izda indikata b'mod aktar preciz f'sottomissjonijiet qabel il-gudizzju. L-attur jghid illi f'incident awtomobilistiku tapplika l-preskrizzjoni biennali a tenur tal-Art. 2153 tal-Kap 16. anke hawn mhux korrett l-attur ghaliex ma hemm l-ebda artikolu fil-ligijiet ta' Malta li jippreskrivi l-azzjoni naxxenti minn incident awtomobilistiku bi trapass ta' sentejn. Hija l-azzjoni ghall-hlas ta' hsarat, tkun xi tkun il-kawza, li hija preskrivibbli bi trapass ta' sentejn sakemm din ma tkunx interotta. Stradat dan il-punt, jokkorri ikun senjalat illi l-konvenut jghid illi l-azzjoni hija preskritta skond l-artikolu 2153 tal-Kap 16 "fejn jirrizulta illi l-incident li sehh nhar il-23 ta' Jannar 2003 waqt li l-esponent gie notifikat fil-" u ma jghidx meta kien hekk notifikat. Minkejja li l-konvenut iqieghed l-ostakolu tal-preskrizzjoni, jemergi mill-provi illi dan l-incident sehh fit-23 ta' Jannar 2003 u l-

avviz odjern kien intavolat fit-28 ta' Lulju 2004. Il-konvenut kien notifikat bil-procedura tal-publikazzjoni fil-25 ta' Novembru 2005 u cioe' aktar minn sentejn minn meta kienu inkorsi l-ispejjez mill-attur. Dan, izda, ma hu ta' ebda soljev lill-konvenut ghaliex l-preskrizzjoni kienet interotta bil-hrug tal-avviz odjern entro s-sentejn u dan skond l-insenjament pacifikament akkolt fil-gurisprudenza (ara in rigward per ezemplari is-sentenza **Il-Perit Arkitett u Inginier Civili Joseph Sultana vs Ronald Gaerty App 1.04.2005**). L-eccezzjoni tal-konvenut Roderick Camilleri ghalhekk qed tkun michuda;

Illi rigward l-mertu l-fatti jistghu ikunu sintetizzati hekk: Christabelle Falzon kienet qed issuq il-vettura ta' missierha l-attur fit-23 ta' Jannar 2003 fil-hdax u nofs ta' filghaxija, fix-xita, tiela minn Birzebbugia diretta lejn il-Belt. Van li kien qed jinsaq warajha ghamel manuvra ta' sorpass u resqet fil-genb mal-bankina u appena sar dan is-sorpass, l-vann dar, laqatha fuq il-mudguard u l-vettura taghha spiccat fuq il-bankina u l-vann ihares lejn id-direzzjoni opposta. Wara kien notat li l-vann kellu impatt minn vettura gejja mid-direzzjoni opposta. Is-sewwieq tal-vann jghid illi meta ghamel il-manuvra ta' sorpass huwa dejjem kien qieghed fuq il-kareggjata tieghu izda l-konvenut l-iehor Roderick Camilleri, li kien gej mid-direzzjoni oppposta u allura niezel lejn Birzebbugia, kien qed isuq fuq il-kareggjata ta' Farrugia b'mod skuntrat u kull ma seta jara kien hgieg itir u ma jiftakar xejn aktar. Roderick Camilleri ma offra l-ebda spjegazzjoni ghal kif sehh dan l-incident. Akkwiziti dawn il-provi, jemergi illi s-sewwieq tal-vettura tal-attur certament ma kellha ebda htija f'dan l-incident. Oht s-sewwieqa tghid illi waqt il-manuvra ta' sorpass, l-vann dejjem kien fuq in-naha t-tajba tat-triq. Mill-iskizz provdut ma jirriuzltax l-*ispot of impact* u dan ragonevolment ghaliex f'dak il-hin kienet niezla hafna xita. Il-verzjoni tal-konvenut Farrugia ghalhekk tirizulta mhix kontradetta. Fatturi rilevanti ghal kaz huma li t-triq hija wiesgha ghaxra punt hamsa metri bin-nofs taghha ikun 2.25 metri. Meta s-sewwieqa tal-vettura tal-attur tghid li resqet mal-genb tat-triq u senjatament mal-bankina, jirrizulta illi l-konvenut Farrugia kellu bizzejjed spazju biex jghaddi u skond oht is-

sewwieqa, dan dejjem kien fuq in-naha tieghu tat-triq. Inoltre, l-konvenut Camilleri spicca 15-il metru ‘l boghod mill-impatt mal-vann tal-konvenut imdawwar fid-direzzjoni opposta. Dan ifisser li l-impatt ma kienx sufficcjenti biex jarresta l-velocita’ tieghu tant illi filwaqt illi l-vann tal-konvenut Farrugia dar u baqa’ fl-istess lattitudini l-vettura tal-konvenut Camilleri baqghet tipprocedi dik id-distanza kollha sakemm waslet biex tieqaf kompletament. Il-Qorti ghalhekk ma tara xejn censurabbli fis-sewqan tal-konvenut Farrugia u qeghda tatribwixxi l-htija kollha tal-incident lill-konvenut Camilleri.

Illi fir-rigward tal-hsarat subiti mill-attur, kienu esebiti ricevuti dwar parts u xoghol mehtiega ghat-tiswija tal-vettura tieghu, liema hsarat kienu necessarji skond survey report in atti. Dawn l-ispejjez baqghu mhux kontestati u jidhru li huma ragonevoli.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi filwaqt illi tilqa l-eccezzjoni tal-konvenut Duncan Joseph Farrugia, tichad it-talbiet tal-attur kwantu diretti lejn l-istess Duncan Joseph Farrugia u tilqa’ t-talbiet tal-atturi kwantu diretti lejn il-konvenut Roderick Camilleri billi filwaqt illi tiddikjarah unikament responsabbli mill-incident u danni konsegwenzjali u tikkundannah ihallas lill-attur is-somma ta’ Lm1,968.23 llum ekwivalenti ghall €4,584.75, bl-ispejjez kif elenkati fl-avviz u bl-imghaxijiet.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu mill-konvenut Roderick Camilleri.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------